# *ĠANNI BONNICI*
## *Skultur Mosti fil-Mellieħa*

Minn Manwel D. Schembri
*Dip. Stud. Rel., B.A.(Gen.), B.A. Stud. Rel., Dip. Educ. (Adm. & Mngt.)*

Ġanni Bonnici twieled il-Mosta, iżda għandu dimensjoni nazzjonali. Ix-xogħlijiet tiegħu jixhdu r-ruħ Maltija, minsuġa fl-idjoma artistikament Ewropea. Twieled b'entużjażmu kbir biex mit-tafal niedi joħloq ix-xbihat li jkun ilu jgħawwem f'moħħu. Studja f'Ruma u l-Ingilterra, imma baqa' Malti.

Ix-xogħol tiegħu jinsab f'bosta nħawi, f'Malta u barra minn gżiritna. Xogħlu jingħaraf. Tbiegħed mill-Barokk li jiżgħed fi gżiritna. Quddiem l-istatwi tiegħu, malli tagħtihom l-ewwel daqqa tgħajn, issib ruħek tgħarrex biex tinfed ħafna iktar 'il ġewwa mill-qoxra li tidher. L-irġiel u n-nisa li ħarġu minn idejn Ġanni Bonnici jirradjaw sentimenti qawwija, ħsus umani li malajr iġegħluk tħossok parteċipant u mhux sempliċi spettatur.

B'ġenerosità kbira, f'Ġunju li għadda, Ġanni laqagħni għal darb'oħra f'daru meta wrejtu x-xewqa li nkellmu dwar ix-xogħol li għamel fil-Mellieħa. Kont diġà kellimtu xi xhur ilu dwar ix-xogħol tiegħu fil-Mosta, u ntervistajtu darbtejn (darba minnhom għal siegħa u nofs sħaħ!) fuq Radju Malta Nazzjonali.

Qalli kif, fl-1971, ħadem lil Mosè u lil Elija fil-faċċata tal-Knisja tal-Mellieħa. Ma kenitx biċċa xogħol faċli. Kellhom ikunu fil-għoli. Mhux la kemm taqbad u tfassal! Ried jipprova. Biex jasal għall-proporzjonijiet tajbin, qata' forma tal-kartun imwaħħla ma' listi ta' l-injam, tad-daqs li kellhom jiġu l-istatwi, tellagħha fil-post fuq il-faċċata tal-knisja. U ra kif kellhom jiġu.



*Il-faċċata tal-knisja parrokkjali tal-Mellieħa qabel saru l-istatwi ta' Ġanni Bonnici.*

Ħadimhom fi tliet biċċiet kull waħda, tal-konkrit magħġun bis-siment abjad, u bit-trab ta' l-irħam. Għoljin 16-il pied u kull waħda tiżen mas-7 tunellati. Biex itellgħuhom fil-post, bdew jinqalgħu d-diffikultajiet. Fl-aħħar, bl-għajnuna tal-Perit Carm Lino Spiteri, ittellgħu b'winċ, bl-idejn. Imma għal ftit ma sarx kollox suf! Il-ħabel ta' l-azzar, kif beda tiela' Elija, inqata'! L-istatwa stabtet izda peress li ma kenitx fil-għoli, ma ġratilha ebda ħsara.

Bonnici f'dawn l-istatwi mhux il-ħlewwa tal-figura umana, il-ġmiel tal-



*Faċċata tal-knisja bl-istatwi ta' Ġanni Bonnici*

wiċċ jew is-simbolizmu bibbliku ried joħroġ, imma d-*dinjità* ta' dawn iż-żewġ profeti kbar ta-Testment il-Qadim, u s-*setgħa* li kellhom fuq il-poplu Lhudi minħabba li kienu qed jitkellmu f'isem Alla. Kull min mill-pjazza tal-Mellieħa jitfa' ħarstu 'il fuq lejn dawn iż-żewġ statwi ġganteski fil-faċċata, mill-ewwel iħoss li dawn huma żewġ personaġġi li jġorru l-piż tat-tmexxija.

Fl-1972, imbagħad ġie kkummissjonat biex fin-niċeċ ta' fuq nett fil-kampnari, jagħmel lil San Ġwakkin u lil Sant' Anna. Ġwakkin ta' Bonnici jinħass bniedem ta' karattru sod, imma fl-istess ħin ġwejjed, u jkolli ngħid dħuli. Anna hija xempju ta' maternita' qaddisa. F'għajnejha tidher l-għożża li biha ħadet ħsieb il-Verġni Marija li kellha tkun Omm Alla.

Wara, tawh jaħdem il-lunetti. Is-suġġetti kellhom ikunu Ġuditta, Ester, Iżaija u David. Ħadimhom *stucco*, tellagħhom u l-*contorni* ħadimhom fil-post. Ried iżomm l-istil tiegħu mingħajr ma jistona ma' l-istil tal-knisja, kollha kemm hi bajda, tixhed il-globiġerina Maltija. Irnexxielu. U waqt li kull min Iħares lejhom jintebaħ li dawn huma personaġġi bibbliċi, fl-istess ħin. Ġanni qalli li dawn ukoll kienu jirrappreżentaw nies li hu kien għex qribhom u li fihom kien jara l-virtujiet li l-personaġġi bibbliċi nfushom riedu jevokaw. Lil Ġuditta libbisha kif ried, bla ma ħassu marbut ma' epoka waħdanija. Iżda xorta waħda l-kuraġġ ta' Ġuditta, it-tieba ta' Ester, il-qilla ta' Iżaija u r-rabta mad-dinja (li kultant tnessik lil Alla) ta' David ilkoll joħorġu ċari f'dawn il-lunetti ta' Bonnici.

Qalli wkoll kif ħadem fil-kuppletti, bil-pilastri u l-gwarniċi tal-konkrit li ħolom u fassal. Kellimni dwar il-bronz fl-ambone u dwar il-Monument tal-Papa Gwanni Pawlu II li ħadem għas-santwarju. Aktarx li dan huwa l-uniku monument f'ġieħ il-Papa preżenti li nkixef mill-Papa nnifsu!

Għax Ġanni huwa artist minn qaddisu, ma stajtx nillimitah għall-Mellieħa. Għajnejh koħol xegħlu meta staqsejtu dwar l-arti sagra. Qalli li l-arti hija kollha sagra. Sagra għax toħroġ minn qalb il-bniedem li jsawwarha b'idejh għatxana biex joħolqu. L-arti għall-Ġanni Bonnici hija kollox – hija ħajtu. Iħoss li ma jistax jagħżel biex jippreferi statwa tiegħu minn oħra. Kollha wliedu! Kollha tiegħu. Kollha magħġuna ma' ruħu dejjem tfittex it-tajjeb u l-verità.

U b'subgħajh jilagħbu man-nokkli twal fiddiena li jgħattulu għonqu, b'għajnejh profondi jinfduli 'l ruħi, reġa' kellimni dwar San Ġużepp ta' Raħal Ġdid, u kemm iħossu kburi li dak iż-żmien, nieda lehma artistika ġdida fl-istorja ta' l-arti f'Malta. Urieni Sant' Anna oħra li ftit ilu tella' fl-Armier iż-Żgħir, u urieni ritratt ta' l-istatwa titulari li lesta għal Raħal Ġdid – Kristu Sultan – mhux ta' did-dinja imma tal-qlub.

B'subgħajh minsuġin flimkien donnhom għat-talb, kważi bi tnehida, Ġanni stqarrli kemm kultant iħoss li n-nies isibuha bi tqila biex jifhmu lill-artist. Mhux faċli titbigħed mill-Barokk tal-knejjes tagħna, mill-ħlewwa u l-ġentilezza tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira u dawk titulari tradizzjonali u mill-istatwi tal-kartapesta. Trid tkun kuraġġuż u lest tissogra, biex ma tkunx Ottoċentesk.

Ġanni Bonnici fil-Mellieħa, bħal f'kull fejn hemm xogħol tiegħu, mhux wieħed *mill-oħrajn*. Ġanni Bonnici huwa hu b'dak kollu li jagħmlu skultur uniku, skultur li jinħass mhux biss għaliex fl-oriġinalita' tiegħu huwa differenti, imma għaliex b'kull ma jippreżentalek jinvolvik fl-interpretazzjoni u jisfidak tħares lejh biex tilmaħ lilek innifsek. It-tqanqila li jkun ħass hu biex sawwar xbihetu, jgħaddiha lilek, biex int ukoll tħossok tintrefa' fi ħsiebek u f'ruħek lejn Alla li ħalqek.

Ġanni Bonnici huwa artist ta' fidi kbira. Jemmen mill-fond ta' ruħu. U għax l-arti hija in-nifs ta' ħajtu, u t-taħbit ta' qalbu, u l-għixien ta' ruħu, ma jżommiex għalih waħdu. Imma jgħad-diha lilek. Bħalma għamel ukoll fil-Mellieħa!

© Manwel D. Schembri – 18 t'Awissu, 1999